MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 272/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Tracy Farnsworth**
**ID-224969(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija disgha u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€649.32c) in konnessjoni ma’ *79303073 (AC51087340)* u dan skond kuntratt tat-30 ta’ Gunju, 2010.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2787/11.

Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' Dok. A – Prospett *AC51087340*, Dok. B – Agreement Penalty, Dok. C – Kuntratt, Dok. D – Estratt Registru Elettorali, Dok. E – Ittra ufficjali 2787/11.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija disgha u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€649.32c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------